**60 SENA SAĊERDOT**



# Mons. Guido Calleja

**WINSTON L. ZAMMIT**
B. A. (Hons), P.G.C.E., M.A.

**Din is-sena żewġ saċerdoti marbuta sew mal-parroċċa tagħna jiċċelebraw is-sittin sena mill-ordinazzjoni tagħhom. Wieħed minnhom kien ukoll kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġiljan. Dan huwa Mons. Guido Calleja li ismu hu marbut mal-bini tal-knisja l-ġdida.**

Iben Vincent u Mary neè Vella, Mons. Guido Calleja twieled f'Tas-Sliema fis-7 ta' Ottubru 1928. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fis-Seminarju Arċiveskovili[1] u kien ordnat saċerdot, ma' Slimiż ieħor, Dun Ġwann Randon, fit-2 ta' Awwissu 1953. Nhar il-festa ta' Santa Marija tal-istess sena, Dun Guido, iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris.[2]

Saċerdot żagħżugħ, Dun Guido fl-1954 inħatar Segretarju Privat tal-Arċisqof u fl-1955 mar Ruma fil-*Pontificio Istituto di Musica di Roma* biex ikompli l-istudji tiegħu fil-mużika.[3]

## Kappillan ta' San Ġiljan (1956-1965)

Fl-1956, il-Parroċċa ta' San Ġiljan sfat *sede vacante* bir-riżenja tal-Kappillan Dun Philip Grech (1953-1956) li ngħaqad mas-Sależjani. Fil-Parroċċa ta' San Ġiljan saret novena lill-Ispirtu s-Santu b'rabta mal-ħatra tal-kappillan il-ġdid. L-għażla waqgħet fuq Dun Guido Calleja, u din l-aħbar ingħatat lill-poplu Ġiljaniż mill-vigarju-kurat minn fuq l-altar.

Fl-okkażjoni tal-ħatra ta' Dun Guido bħala Kappillan ta' San Ġiljan inkiteb hekk dwaru f'gazzetta lokali:
"Lil Dun Guido illum ma nafx min ma jafux billi għal xi snin kien kappillan tal-E. T. Mons. Arċisqof. L-aħbar tal-ħatra tiegħu bħala Kappillan ta' San Ġiljan ġiet milqugħa mhux biss b'ferħ imma b'imħabba u qima, għax il-Ġiljaniżi ilhom ħafna jafuh bħala żagħżugħ jaħdem maż-żgħażagħ l-oħra fil-parroċċa meta kien għadu seminarista.

Jekk xi wħud qalu li Dun Guido tilef karriera brillanti fil-mużika fejn kien tant mexa 'il quddiem fil-kors li kien beda, Alla l-imbierek



***Dun Guido Calleja jilqa' bil-ferħ lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta għat-tberik tal-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida.***

żgur li għoġbitu l-bidla li għamel Dun Guido. Żgur li San Ġiljan se jistgħana mhux ftit bil-ħidma tiegħu bħala kappillan.

Kulma jitlob il-kappillan mingħand l-egħżież uliedu huma żewġ ħwejjeġ: talb u koperazzjoni, u l-parroċċa timxi 'l quddiem. Għalhekk lill-kappillan il-ġdid irridu ngħidulu AD MULTOS ANNOS."[4]

Saċerdot żagħżugħ ta' 26 sena, Dun Guido ħa l-pussess ta' kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġiljan fit-18 ta' Novembru 1956.[5] Għal Dun Guido kienu bdew disa' snin ta' ħidma intensiva.





*Mument storiku meta l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta qiegħed simbolikament l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida, biex bdiet titwettaq il-ħolma ta' Dun Guido.*

**Il-Bini ta' Knisja Parrokkjali Ġdida**

Sa minn żmien il-Kappillan Dun Amabile Bonanno (1908-1948) kien qed jinħass il-bżonn ta' bini ta' knisja parrokkjali ġdida f'San Ġiljan. L-istess Kappillan Bonanno kien ħa xi passi biex jitwettaq dan il-proġett bżonnjuż.[6] Iżda minħabba diversi ċirkostanzi sa nofs is-Seklu XX ma kien għadu sar xejn.

Kien Dun Guido Calleja li solva din il-problema. Kien hu li identifika l-art fejn kellha tinbena l-knisja parrokkjali l-ġdida u ta bidu għall-bini tagħha. Kien hu li fil-5 ta' Lulju 1961 stieden lill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi biex jiġi San Ġiljan u jmexxi ċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida.[7] Din il-knisja tlestiet u tbierket fl-1968.[8]

Iżda minbarra li ħa ħsieb il-bini tal-knisja l-ġdida, il-Kappillan Calleja li kien iħobb il-mużika, waqqaf il-Kor ta' San Ġiljan, li għamel l-ewwel kunċert tiegħu fil-Kunvent tas-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù f'San Ġiljan fl-1957. Dun Guido baqa' jmexxi dan il-kor sal-1965.[9]

Ġrajja oħra importanti marbuta mal-parrokat ta' Dun Guido Calleja seħħet fis-7 ta' April 1962 meta żewġ djakni Ġiljaniżi, Ġużepp Busuttil u Ġwann Galea, ġew ordnati saċerdoti.[10]



*Mons. Guido Calleja jidher qed jakkumpanja f'purċissjoni fi Triq Lapsi. Fuq il-lemin tar-ritratt jidher ukoll Dun Anton Sciberras. It-tfal lebsin tal-preċett jindikaw li din kienet purċissjoni ta' Corpus Christi.*

## Kappillan f'Tas-Sliema (1965-1973)

F'Lulju tal-1965 il-parroċċa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema sfat *sede vacante* meta l-kappillan tagħha, Dun Ġużepp Inguanez DD Bl. Can, ħa l-pussess ta' Kanonku tal-Katidral. Bħala kappillan ġdid ta' din il-parroċċa l-Arċisqof Gonzi ħatar lil Dun Guido Calleja, li ħa l-pussess tal-parroċċa l-ġdida nhar il-Ħadd 28 ta' Novembru 1965.[11]

Dun Guido mexxa din il-parroċċa għal tmien snin. Minbarra li wettaq il-ministeru pastorali l-Kappillan Calleja beda jippubblika l-fuljett parrokkjali.[12] Ħa ħsieb li jdaħħal il-Malti fil-funzjonijiet liturġiċi fil-parroċċa u ta stil ġdid lit-tridu tal-festa titular tal-istess parroċċa.[13] Iżda barra minn hekk ħa ħsieb li jsiru xi tiswijiet meħtieġa fil-knisja parrokkjali,[14] biddel is-sistema tal-elettriku,[15] u għamel sett bankijiet biex ħadu post is-siġġijiet li kien hemm.[16]



## Kanonku tal-Katidral

Il-parrokat ta' Dun Guido Calleja f'Tas-Sliema ntemm fl-1974 meta nħatar Kanonku Kuġitur tal-Katidral,[17] u aktar tard inħatar ukoll kanonku effettiv.[18] Tajjeb li ngħidu ukoll li wara li spiċċa mill-kariga ta' kappillan ta' Stella Maris, Dun Guido reġa' ġie joqgħod San Ġiljan fl-inħawi ta' Ta' Ġiorni.[19] Iżda minbarra li kien Kanonku tal-Katidral, Dun Guido kellu ukoll il-kariga ta' Segretarju Amministrattiv fil-Kurja.[20]

## Xogħol Pastorali fl-Amerika

F'nofs is-snin tmenin, Mons. Guido Calleja mar iwettaq il-ministeru pastorali fl-Amerika. Għaldaqstant ma baqax kanonku effettiv tal-Katidral, iżda minflok sar kanonku onorarju.[21] Bejn l-1986 u l-1990 Mons. Calleja wettaq xogħol pastorali f'St Paul's Church, North Dale, Halmy Highway, Tampa.[22]

Fl-1990 Mons. Calleja reġa' lura Malta għal xi żmien u kien residenti fid-Dar tal-Kleru Birkirkara.[23]

Lura fl-Istati Uniti fl-1991, fejn għadu sal-lum, wettaq il-ministeru pastorali f'dawn il-parroċċi: 1991-1997: *St Theresa Rectory, Commercial Way, Spanhill, Florida;*[24] u 1998-2012: *St John the Baptist Church, Magnolia Springs, Alabama*.[25]



***Mons. Guido Calleja jidderieġi l-Kor ta' San Ġiljan.***




**RIFERENZI**

1 Malta Who's Who 1967, p. 75.
2 Tagħrif fil-pusses tal-awtur.
3 Malta Who's Who 1967, p. 75.
4 Leħen is-Sewwa, 17.XI.1956.
5 Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
6 A(rkivju) N(azzjonali) M(alta) Petitions 1919, no. 1753
7 San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991, pp. 225-245
8 Ibid., p. 253, 258.
9 St Julian's Choir, 25th Anniversary Concert, p. 7.
10 Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
11 Ibid.
12 L(eħen) il-P(arroċċa) S(tella) M(aris), Mejju 1966, no. 1.
13 Ibid., Awwissu 1967, no. 16, p. 1.
14 Ibid., Novembru 1966, no. 7, p. 3.
15 Ibid., Settembru 1967, no. 17, p. 4.
16 Ibid., Frar 1968, no. 22, p. 2; Marzu 1968, no. 23, p. 2.
17 The Malta Year Book, 1975, p. 149.
18 Ibid 1978, p. 186.
19 Direttorju tal-Arċidjoċesi ta' Malta 1983, p. 56.
20 The Malta Year Book 1975, p. 148; 1978, p. 185.
21 Direttorju tal-Arċidjoċesi ta' Malta 1986, p. 20, 100.
22 Ibid., 1987, p. 100; 1988 p. 126; 1989 p. 123.
23 Ibid., 1990, p. 113.
24 Ibid., 1991, p. 127; 1992, p. 141; 1993, p. 142; 1994, p. 182; 1995, p. 208; 1996, p. 216; 1997, p. 238.
25 Ibid., 1998, p. 247; 2012, p. 213


